# GĦAQDA ĦBIEB IL-KAPPELLI MALTIN

*PO Box 17, Qormi QRM 1000, Malta*
*e-mail: kappellimaltihbieb@gmail.com*
*Facebook: Hbieb il-Kappelli Maltin*

April 2022 Ħarġa Nru 21

**Kumitat 2020**

**President**

Adrian Schinas

**Viċi-President**

Valent Xuereb

**Segretarju**

Leonard Agius

**Asst. Segretarju u PRO**

Norbert Gingell

**Teżorier**

Godfrey Mangion

**Assistent Teżorier**

Angele Xuereb

## TAĦDIDIET U3A

**L-Għaqda reġgħet ġiet mitluba mill-Università tat-Tielet Età biex torganizza serje ta' taħditiet rigward Kappelli u Knejjes Żgħar.**

**Dawn ser jinżammu fil-Cottonera Resource Centre tal-Universita ta' Malta, Triq San Dwardu, il-Birgu.**

**It-8 taħdidiet jibdew fit-28 t'April u jintemmu fis-16 ta' Ġunju.**

**Jinżammu kull nhar ta' Tlieta bejn id-9.00 u l-11.00 ta' filgħodu.**

## EDITORJAL

*Għeżież Membri u Ħbieb,*

Bi pjaċir inħabbrikom li l-Għaqda se torganizza attività fl-24 t' April fiż-Żejtun fejn se nżuru il-kappelli ta' San Girgor u tan-Nazzarenu.

Wara l-waqfa għall-kafe ser nieħdu ftit minuti sabiex nagħmlu l-Laqgħa Ġenerali Annwali peress li kellna nipposponu għal dawn l-aħħar sentejn.

Niltaqgħu ħdejn il-kappella ta' San Girgor fit-8.30 għar-reġistrazzjoni.

Inħeġġukom sabiex tattendu bi ħgarkom wara dan il-waqfien fit-tul.

*N. Gingell*

*Għal Kumitat*

## KAPELLA TA' SAN ĠORĠ, IL-QAJJENZA, BIRŻEBBUGIA



L-oriġini tal-kappella mhux magħruf imma hu żgur illi fl-1565 kienet diġa teżisti u li 10 wara, meta l-Viżitatur Appostoliku Pietro Dusina żar din il-kappella, sabha li kellha bieb tal-injam u altar wieħed tal-ġebel, imma mingħajr rettur u bla sors ta' dħul ta' flus. Meta fl-1621 l-Isqof ta' Malta Baldassare Cagliares għamel żjara, ordna li tiġi rranġata, liema xogħol sar permezz ta' Palmerus Montana. Madankollu fl-1659 reġgħet waqgħet fi stat ta' abbandun u ġiet dekonsagrata mill-Isqof Miguel Juan Balaguer de Camarassa f'April tal-1659. Kellhom jinbarraw il-bieb u t-titular ġie meħud fil-knisja parrokkjali taż-Żejtun.

Hekk kif tinżel in-niżla ta' Għar Dalam u taqbad il-bajja tal-Qajjenza, fl-ewwel dawra fuq il-lemin wieħed jiltaqa' ma' kappella mperċċa fuq il-blat għoli, illum mdawwra b'dak li jissejjaħ ridott. Din hija il-kappella antika ddedikata lil San Ġorġ Martri.

## KAPPELLA TA' SAN ĠORĠ, IL-QAJJENZA, BIRŻEBBUGIA



Bl-inizjattiva ta' Patrizju Ruman u n-Nobbli Gregorio Bonnici dei Marchesi Bordino il-kappella ġiet restawrata u mbierka f'April 1683 mill-Kappillan taż-Żejtun, billi l-inħawi kienu jaqgħu mar-raħal taż-Żejtun. In-Nobbli Gregorio għamel il-kappella ġustapronat tal-familja, li maż-żmien saret propjetà tal-familja Testaferrata. Bejn l-1714-1716 ġie mibni ridott mill-Ordni ta' San Ġwann madwar il -kappella, li ħa post ċimiterju. Mal-bidu tas-seklu 20 il-kappella ma kienetx qed tintuża imma ġiet restawrata mill-ġdid fl-1907, fejn ġiet imbierka u miftuħa mill-Isqof Spiridione Polomeni

Il-kappella għanda forma rettangolari bis-saqaf jistrieħ fuq ħames ħnejjiet. L-altar għandu gwarniċa tal-ġebel fejn hemm it-titular li juri lil San Ġorġ, fuq iż-żiemel abjad, joqtol id-dragun. Din il-pittura hija kopja ta' Mattia Preti li tinsab fil-KonKatidral ta' San Ġwann. Għalkemm f'manuskritt fil-Bibjoteka Nazzjonali hemm imniżżel li din il-pittura saret minn Bartolomeo Garagona bi flus Luciano Tolossenti, wisq probabli tirreferi għal xi pittura oħra li kienet saret qabel dik ta' San Ġorġ. Dan għaliex Garagona miet fl-1641 waqt li Preti ġie Malta fl-1659, kważi għoxrin sena wara. Għaldaqstant ma nafux min għamel din il-kopja li naraw illum.

Ta' interess huwa li mal-ħajt tal-bieb li jagħti għal bitħa wieħed jista' jara żewġ xquq maqtugħlin fil-ħajt fejn kien jgħaddi l-ħabel sabiex ikun jistà jittellà u jitniżżel pont tal-injam. Din hija unika kappella fil-gzejjer Maltin li kienet iffortifikata u kellha pont tal-injam biex tidħol għaliha. Wieħed isib ukoll diversi graffiti, liema ħżuż fil-ġebel saru bejn is-sekli 16 u 19. Wieħed jista' jara skuni tas-seklu 17 u diversi slaleb.

Ta' min jinnota li llum din il-kappella tinsab fi stat tajjeb bin-nies tal-madwar li ieħdu ħsiebha.



*. Kitba u ritratti: N Gingell*

*Informazzjoni miġbura mis-sit Wikipedea u dak tal-Kappellimaltin.com*

# KAPELLA TA' SAN ĠORĠ, IL-QAJJENZA, BIRŻEBBUGIA



L-artal ewlieni



San Ġorġ fuq iż-żiemel abjad joqtol id-dragun



It-trasfigurazzjoni ta' Ġesu




Il-Madonna tar-Rużarju

# KWADRI TA' MATTIA PRETI LI NSIBU FIL-KAPPELLI

*Kitba ta' Anthony M Brincat*

*It-tieni parti*

Kappella oħra mibnija fi żmien il-Gran Mastru Nikola Cotoner hija dik magħrufa bħala ta' Sarria fil-Floriana. Barra li Preti ddisinja l-kappella, huwa pitter fiha lit-titular u erba' kwadri oħra li juru qaddisin protetturi kontra l-marda tal-pesta, billi din il-knisja nbniet mill-Ordni bħala radd ta' ħajr tal-ħelsien mill-imxijja tal-pesta tal-1676. It-titular juri l-Missier Etern, l-Ispirtu s-Santu u l-Immakolata Kunċizzjoni, u l-anġlu li qed jeqred il-marda tal-pesta flimkien ma' nies morda u oħrajn jitolbu l-interċessjoni tal-Madonna **(*RITRATT 10* ).** Il-kwadri l-oħra juru lil San Sebastjan **(*RITRATT 11* )**, San Rokku **(*RITRATT 12* ),** San Nikola **(*RITRATT 13*)** u Santa Rosalia **(*RITRATT 14* ).** Żewġ lunetti li hemm f'din il-kappella huma wkoll xogħol tal-bottega Pretjana.

Fir-Rabat hemm il-knisja ddedikata lil San Publiju, mibnija fuq il-Grotta ta' San Pawl. Fiha Preti pitter it-titular li juri l-Madonna bil-Bambin flimkien ma' San Publiju u San Ġwann il-Battista. Ma jonqsux numru ta' anġli li jimlew l-ispazji tal-kwadru kif insibu fi kważi l-pitturi titulari li semmejna aktar 'l fuq **(*RITRATT 15* ).**

F'Bormla hemm il-kappella ddedikata lil San Ġwann l-Elemożinier jew kif nafuha San Ġwann t'Għuxa. Fiha kien hemm it-titular tal-qaddis li jidher qed iqassam il-flus lill-foqra **(*RITRATT 16*).** Fuqu kien hemm lunetta li turi l-Missier Etern. Dawn illum jinsabu għall-wiri fil-MUŻA, il-mużew tal-Arti **(*RITRATT 17* ).**

Fl-aħħar f'Tas-Sliema fil-kappella tal-Madonna tal-Grazzja nsibu żewġ kwadri oħra li huma mdendla mal-ħitan tal-ġenb. Dawn juru l-Anġlu Kustodju **(*RITRATT 18* ).** u l-Waqfa waqt il-Ħarba tal-Familja Qaddisa lejn l-Eġittu **(*RITRATT 19* ).**

Fil-Forti Ricasoli, Nicola Cotoner kien bena kappella ddedikata lil San Nikola u fiha Preti kien pitter kwadru ta' dan il-qaddis, iżda llum dan jinsab mitluf.

Dawn il-kwadri kollha li ħarġu mill-pinzell tal-Kavalier Kalabriż ikabbru l-patrimonju għani li nsibu f'dawn il-kappelli u knejjes żgħar.



***Ritratt 10 — Knisja ta' Sarria, it-titular : l-Immakulata Kunżizzjoni***



***Ritratt 11 — Knisja ta' Sarria, San Sebastjan***



Ritratt 12 — Knisja ta' Sarria, Sant Rokku



Ritratt 13 — Knisja ta' Sarria, San Nikola



Ritratt 14 — Knisja ta' Sarria, Santa Rosalija



Ritratt 15 — Knisja ta' San Publju, Rabat , titular :
il-Madonna bil-Bambin, San Publju u San Ġwann il-Battista



**Ritratt 16 — Kappella ta' San Ġwann t'Għuxa, Bormla, titular_San Ġwann l-Elemożinier**



**Ritratt 17 — Kappella San Ġwann t'Għuxa , Bormla, lunett, illum fil-Mużew tal-Arti MUŻA : l-Missier Etern**



**Ritratt 18 — Kappella tal-Madonna tal-Grazzja, Sliema : l-Anġlu Kustodju**



**Ritratt 19 — Kappella tal-Madonna tal-Grazzja, Sliema : Waqfa mill-Ħarba lejn l-Eġittu**

## TERMINI TAL-ARKITETTURA EKKLESJASTIKA

*Kitba Martin Morana*

**GWARNIĊA MELITANA** Gwarniċ tal-ġebel li narawh f'ċerti binjiet ekklessjastiċi u oħrajn. Tip ta' skultura forma ta' **FETTUL** oħxon, wieqaf jew mimdud dritt, kultant igruppati fi tnejn jew aktar fillieri, wieħed ħdejn l-ieħor, biex jiddekoraw il-koxox u l-**ĠEJŻA** tal-bieb ta' xi knejjes u kappeli, l-aktar dawk antiki. Tip ta' element artistiku li kien jintuża f'binjiet tas-seklu sittax u sal-bidu tas-seklu sbatax. Ing. *Melitan moulding* jew *fat moulding*.

**GWARNIĊUN** Bħal ċinta twila u mimduda fil-faċċata tal-knisja li toħroġ aktar 'il barra mill-bqija tal-binja. Bħal ħafna elementi arkitettoniċi oħra tal-knejjes dan hu stil dekorattiv u fl-istess ħin utili li ġej mit-tempji Griegi. Ing. *cornice*.



**ĦNEJJA** Arkata. Saqaf forma ta' qaws iħares 'l isfel. Saqaf troll. Arkata waħida bl-istess forma ta' qaws li fuqha jserrħu x-xriek. Fil-każ tal-knisja tas-Sanċir, hemm diversi ħnejja li kollha isostnu x-xriek li jieħdu l-istess forma mgħawġa. Fil-każ ta' Bir Miftuħ is-saqaf hu ċatt, biss ix-xriek iserħu wkoll fuq il-ħnejjiet.

*Ħnejjiet fil-kappella Tas-Sanċir – ħajr: Joe Morana*




**KAMPNAR** Norm. nifhmu dik l-istruttura għolja, bħal torri jħaxken mal-knisja li jsostni l-ispazju msaqqaf li fih ikun hemm qanpiena waħda jew sett ta' qniepen. Kampnari aktar sempliċi u iżgħar jiddendlu minn **ĠEJŻA** jew arkata fuq il-faċċata tal-kappella. Ing. *bell–tower*, *belfry* jew fil-każ ta' kampnar sempliċi, *bell-cot*.

*Kampnar żgħir fuq il-kappella ta' Bengħisa – ħajr: Joe Morana*